MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 747/2011

**Helen Baldacchino personalment u għan-nom tal-assenti ħuha Victor Portelli**

**vs**

**Maria Lourdes *sive* Lourdes Barun, Charles Portelli, Vincenza *sive* Vivienne Gauci, Salvatore *sive* Silvio Portelli.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi prezentat fl-4 t'Awissu 2011, li permezz tiegħu ġie premess:

Illi huma t-tnejn ulied il-mejjet Emanuel Portelli li miet fil-ħdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn u ħdax (2011) skont l-anness estratt taċ-ċertifikat tal-mewt mmarkat Dok A.

Illi skont kif jirriżulta mill-annessi ċertifikati testamentarji markati Dok B, u C rispettivament, l-mejjet missierhom għamel testment *unica charta* fil-21 ta' Jannar 1987 atti Nutar Joseph Tabone kif jirriżulta mill-anness testment markat Dok D.

Illi skont dan it-testment il-mejjet Emanuel Portelli nnomina u istitwixxa werrieta universali tal-ġid kollu tiegħu lil uliedu kollha ċjoe' Victor, Charles, Vincenza, Helen, Maria Lourdes u Silvio aħwa Portelli f'ishma ndaqs bejniethom bis-sostituzzjoni vulgari favur uliedhom u bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom.

Illi r-rikorrenti rrinunzjaw għal wirt ta' missierhom Emanuel Portelli pero' żammew favur tagħhom is-sehem riservat skont il-liġi u dan kif jirriżulta mill-annessa nota Dok E.

Illi sabiex jiġi kkalkolat is-sehem riservat mill-liġi favur tagħhom, r-rikorrenti atturi għandhom interess li fil-massa ereditarja jidħlu l-beni kollha li jikkonsistu biss fi flus depożitati fil-banek lokali li kellu l-mejjet missierhom Emanuel Portelli u dan partikolarment għall-iskopijiet tal-Artikolu 620 tal-Kodiċi Ċivili.

Illi għalhekk kif jirriżulta mill-anness *albero geneologico* (Dok F) l-ulied tal-mejjet Emanuel Portelli (decuius) huma sitta, u allura s-sehem riservat li jmiss lill-esponenti atturi huwa dak ta' wieħed minn tnax ($^1/_{12}$) tal-valur tal-beni tad-*decuius* (artikolu 616 tal-Kodiċi Ċivili).

Illi s-sehem riservat mill-liġi huwa protett u għandu jingħata lil min hu intitolat għaliex l-ewwel u qabel kollox inkluż qabel kwalsiasi legat imħolli.

Illi minn riċerka li għamlu r-rikorrenti atturi mal-banek lokali rriżultalhom li l-flus appartenenti lil mejjet missierhom Emanuel Portelli ġew żbankati mill-intimata oħthom Maria Lourdes *sive* Lourdes Barun li għalhekk interpellatha biex tgħaddi lir-rikorrenti sehemhom tas-sehem riżervat *ai termini* tal-artikolu 620 tal-Kodiċi Ċivili, l-istess Barun baqgħet tirrifjuta li tagħmel dan.

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża kontra l-eredi kollha tal-mejjet missierhom kif rikjest mill-liġi.

Premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni:

Jgħidu l-istess konvenuti intimati jew min minnhom għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti *ai termini* tal-liġi u b'mod partikolari l-artikolu 615, 161, 617 u 620 tal-Kodiċi Ċivili:

(i) Fl-ewwel lok tistabbilixxi liema huma l-beni kollha appartenenti lill-wirt ta' Emanuel Portelli (decuius) li

għandhom jiġu nklużi fl-istess wirt, skont il-liġi, għall-iskopijiet li jiġi stabbilit il-valur tas-sehem riservat spettanti lir-rikorrenti atturi;

(ii) *Ai termini* tal-artikolu 620 tal-Kodiċi Ċivili tillikwida, anke permezz ta' periti nominandi, il-valur reali tal-assi kollha appartenenti lill-wirt ta' Emanuel Porelli (decuius) u tistabbilixxi għall-iskopijiet tal-liġi x'inhu l-valur sħiħ tas-sehem riservat mill-liġi mill-wirt ta' Emanuel Portelli;

(iii) Taqta' u tiddeċiedi illi s-sehem riservat mill-wirt ta' Emanuel Portelli spettanti lil kull wieħed u waħda mill-atturi huwa ta' $^{1}/_{12}$ (waħda minn tnax-il parti) tal-valur totali tal-wirt ta' Emanuel Portelli (decuius) kif stabbilit fit-tieni domanda;

(iv) Tikkundanna lill-konvenuti intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lil kull waħda mill-atturi s-sehem lilhom riservat mill-liġi *ai termini* tal-artikolu 615, 616, 617 u 620 tal-Kodiċi Ċivili, bħala ulied ta' Emanuel Portelli (decuius), liema ħlas għandu jsir kif stabbilit mill-liġi.

B'rizerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-atturi u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kontra l-konvenuti intimati li minn issa huma nġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-atturi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Vincenza Gauci, preżentata fis-16 ta' Settembru 2011 fejn eċċepiet:

Illi *in linea* preliminari Victor Portelli jgħix it-Tajlandja u jeħtieġ il-prova li qabbad prokuratur biex ikompli l-kawża;

Illi *in linea* preliminari jeħtieġ jiġu pruvat jekk l-aħħar testment huwiex effettivament dak li jirriżulta mir-riċerki;

Illi fil-mertu l-esponenti tirrimetti ruħha salv li żżomm ferm id-dritt tagħha għal serviġi resi lil missierha tul l-aħħar snin ta' ħajtu.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Maria Lourdes Barun, ppreżentata fid-29 ta' Novembru 2011 li permezz tagħha ġie eċċepit:

Illi *in linea* preliminari din il-kawża hija nulla u nvalida, ineffettiva u ma tistax titkompla għas-sempliċi raġuni li omm il-kontendenti li huma kollha aħwa, jiġifieri Helen Baldacchino Victor Portelli, Maria Lourdes *sive* Lourdes Barun, Charles Portelli, Vincenza *sive* Vivienne Gauci, u Salvatore *sive* Silvio Portelli huma kollha aħwa wlied il-mejjet Emanuel Portelli li vera miet fil-ħdax ta' Frar tas-sena elfejn u ħdax (2011), jiġifieri disa' xhur u ftit fuqhom ilu u Esther Portelli nee' Ellul li għadha ħajja u mimlija bl-għomor u tirrisjedi fl-indirizz numru 30, St Michael Street, Birżebbuga, u li llum għandha l-eta' ta' 81 sena, waqt li żewġha miet tal-eta' ta' 85 sena.

Illi allura huwa falz il-ġurament ta' Helen Baldachino u ħuha l-attur Victor Portelli li ddikjaraw fit-tieni paragrafu tal-kawża tagħhom li missierhom għamel Testment *'waħdu u mhux unica karta fil-wieħed u għoxrin ta' Jannar 1987, Atti Nutar Joseph Tabone'* billi kif jirriżulta mid-dokument D, nhar il-wieħed u għoxrin ta' Jannar ta' l-1987, sar 'Testment unika karta minn <u>Emanuel Portelli</u> rtirat bin il-mejtin Salvatore u Maria nee' Farrugia imwieled l-Isla u martu Esther bin il-mejtin Gioovanni Ellul u Maria Anna nee Briffa

mwielda Birżebbuġa u joqogħdu Birżebbuġa, u allura din il-kawża ma setgħet qatt tiġi ntavolata sakemm meta jrid il-Mulej tagħlaq għajnejha Esther Portelli: kwindi din hija l-ewwel eċċezzjoni *in linea* preliminari li din il-wisq Onorabbli Qorti għandha tiddeċiedi biex fl-interess ta' kulħadd inkluż l-ispejjeż li qegħdin jiġu nkorsi, din il-kawża ma toqgħodx titwal inutilment meta hawn prova ċara ħafna li l-kawża hija nulla, ineffettiva, mhux enforzabbli u ma tistax titkompla għar-raġuni fattwalment u legalment fondata li qegħda tingħata apparti l-ġurament falz l-atturi li ħadu Helen Baldacchino u Victor Portelli, aħwa.

Illi strettament mingħajr preġudizzju għal dak li qed jiġi hawn espost, anke kieku għal grazzja tal-argument din il-kawża setgħet tiġi ntavolata, il-liġi li tirregola l-wirt ma tippermettix li kawża tiġi ntavolata mill-eredi ta' xi ħadd li miet qabel ma jkunu għaddew mill-inqas tliet snin mill-mewt tal-persuna li l-eredi tiegħu jew tagħha jkunu qed jintavolaw il-kawża, meta hawnhekk għandna każ ċar illi d-deċujus Emanuel Portelli għadu kif għalaq ftit iktar minn disa' xhur mejjet, u kwindi din hija t-tieni eċċezzjoni *in linea* preliminari għala din il-kawża għandha tieqaf hawn bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi Helen Baldacchino u Victor Portelli tal-ħela taż-żmien u spejjeż inutli li kkaġunaw kemm lil din wisq Onorabbli Qorti kif ukoll l-eċċepjenti intimati konvenuti odjerni partikolarment Maria Lourdes *sive* Lourdes Barun u għal kull interess li jista' jkollu żewġha Emanuel Barun.

Illi hemm diskrepanza kbira u fatali li din il-wisq Onorabbli Qorti qegħda tiġi mitluba li tinvestiga, billi d-dokument D esebit u allegatament insinwat nhar is-sitta u għoxrin ta' Jannar ta' l-1987, hemm żball fatali fih billi mir-riċerka ffirmata mill-istess Nutar Pubbliku Dr Joseph Tabone li hija esebita fl-atti proċesswali mill-istess Atturi, u ffirmati mill-Avukat Dr Anna Mallia, nhar it-2 t' Awissu, tas-sena 2011, hemm indikat ċar li t-Testment li sar fil-21

ta’ Jannar tal-1987 huwa Testment *unicha karta* waqt li l-kopja tat-Testment esebita bħala dik insinwata fis-26 ta’ Jannar, tas-sena 1987 hemm indikat biss isem il-mibki defunt missier Emanuel Portelli li miet nhar il-11 ta’ Frar tas-sena 2011 u kellu n-numru tal-karta tal-identita’ 17726M: għalhekk din il-wisq Onorabbli Qorti mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ġja’ sollevati għandha tordna li b’effett immedjat issir investigazzjoni tal-awtentiċita’ tad-dokument D datat 25 ta’ Mejju tas-sena kurrenti jiġifieri tliet xhur u ftit jiem wara li miet missier il-komparenti kontendenti aħwa Portelli, billi hemm diskrepanza li timmerita nvestigazzjoni mill-iktar skrutinabbli bejn in-notamenti li hemm fir-Reġistru Pubbliku ta’ Malta u dan id-dokument li aħna qegħdin ngħidu mhuwiex dokument korrett, huwa dokument li fih dettalji essenzjali neqsin, u jrid jiġi kkjarifikat mingħajr l-iċken dubju mad-dokument oriġinali l-awtentiċita’ tad-dokument esebit bħala dokument D: dana fl-interess tat-trasparenza tal-ġustizzja u biex il-ġustizzja tabilħaqq tidher li qegħda ssir.

Illi huwa ta’ mportanza kbira li din il-wisq Onorabbli Qorti tifli sew l-affidavit ta’ Esther Portelli li tiġi l-armla ta’ Emanuel Portelli, li llum għandha wieħed u tmenin (81) sena u minħabba kwistjoni ta’ nkonvenjenza fiżika pero’ fl-inkwadratura ta’ luċidita’ mentali, din il-persuna mhux possibbli li tinġab il-Qorti allura ttieħdilha affidavit ġewwa Birzebbuga fejn tirrisjedi, li l-armla ta’ Emanuel Portelli tiftakar distintament li meta sar it-testment hi kienet ma’ żewġha, bħala miżżewġin u li t-tnejn li huma kienu marru jagħmlu t-testment flimkien u fost l-artikoli mportanti li qed isir referenza għalihom f’dan it-testment li hemm dubju dwaru għal dak li huwa n-nuqqas li tidher Esther Portelli bħala waħda mit-testaturi pero’ xorta hemm it-tielet artikolu li jagħti s-setgħa lil Esther Portelli li tkun tista’ tibdel dan it-testment (u hawn infakkru lil din l-Onorabbli Qorti li din Esther Portelli għadha ħajja u allura jkun biss wara mewtha li nkunu nafu dan it-testment bidlitux jew le kif kellha kull dritt legalment li tagħmel) u hemm il-ħames artikolu

fejn *'it-testatur iħalli b'titolu ta' prelegat lil ibnu Salvatore sive Silvio l-użufrutt tad-dar t'abitazzjoni tiegħu nkluż l-affarijiet mobbli kollha fl-imsemmija dar ...'*, meta dan legalment ma seta' qatt isir peress illi d-dar ta' abitazzjoni hija proprjeta' parafernali ta' l-armla ta' Emanuel Portelli ossia Emanuel Portelli liema dar li tinsab fl-indirizz 30, Triq San Mikiel, ġewwa Birzebbuga diġa' ġiet assenjata b'kuntratt appożitu lill-konjuġi Emanuel u Maria Lourdes Barun, a bażi tad-dokument kuntratt li qiegħed hawn jiġi esebit u datat 12 ta' Jannar, tas-sena 2006, meta allura dak iż-żmien Emanuel Portelli kien għadu ħaj: ara l-Elenku ta' Dokumenti: Dok MLB 3.

Illi kien impossibbli legalment u fattwalment li Emanuel Portelli jħalli t-titolu ta' prelegat lil ibnu Salvatore *sive* Silvio Portelli l-użufrutt tad-dar t'abitazzjoni tiegħu nkluż l-affarijiet mobbli kollha fl-imsemmija dar pero' esklużi flus kontanti, kotba tal-Bank, titoli li jirrapreżentaw flus, deheb u ħaġar prezzjuż, meta dan il-post fil-21 ta' Jannar tal-1987, meta dan il-post indikat fil-ħames artikolu ma seta' qatt ikun hemm din il-fakulta' f'idejn it-testatur Emanuel Portelli u d-dokument hawn esebit tas-16 ta' Diċembru tas-sena 2005 u l-kuntratt tat-12 ta' Jannar tas-sena 2006, jiġifieri sitt snin u ħames snin rispettivament qabel ma miet Emanuel Portelli, dan il-post diġa' kien proprjeta' tal-intimati / konvenuti konjuġi Emanuel u Maria Lourdes Barun.

Illi għad illi mhux kontestat li Emanuel Portelli miet nhar il-ħdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn u ħdax (2011), għad illi mhux kontestat li l-armla tiegħu Esther Portelli, illum ta' wieħed u tmenin sena (81) għadha ħajja, huwa kkontestat li ma huwa minnu xejn li Emanuel Portelli għamel Testment waħdu imma għamlu *uniċa charta* flimkien ma' martu li għadha ħajja Esther Portelli u li mill-proċess anke fl-atti ta' dawn il-proċeduri odjerni, inkluż affidavit magħmul mill-istess Esther Portelli fil-presenza tal-Konsulent

Legali tal-konjuġi Barun, fir-residenza ġewwa B'Bugia minħabba li Esther Portelli llum ta' 81 sena mhijiex f'qagħda fiżika li tiġi quddiem il-Qorti fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, imma l-moħħ tagħha għadu luċidu biżżejjed meta relatat ma' persuna ta' 81 sena (u anke għandha sens ta' umoriżmu li għadu fin ħafna), allura tali kawża hija nulla u nvalida, ineffettiva u ma tistax timxi 'l quddiem apparti mill-fatt illi l-mejjet għadu biss ftit xhur relattivament li miet u fiċ-ċirkustanzi l-kawża xorta waħda qatt ma setgħet issir qabel jgħaddu mill-inqas tliet snin minn mindu jkun miet u dana għal raġunijiet proċedurali, biex ma jissemmiex il-fatt li kif tenniet l-istess Esther Portelli ħadd ma avviċinaha mill-atturi biex iġibu l-permess tagħha ħalli jottjenu kopja tat-testment kif abbużivament ġie akkwistat u anke żvelat, u għaldaqstant din il-Qorti qegħda tiġi mitluba biex tieħu dawk il-passi meħtieġa kontra kull min huwa responsabbli għal dan l-abbuz 'il għaliex qed jiġu redikolati bl-iktar mod aggressiv u żleali s-santita ta' ċertu istituzzjonijiet fil-Ligijiet ta' Malta bħalma huma t-testmenti: ma kellhom ebda dritt l-atturi li jiżvelaw x'kien fih l-uniku testment li f'wieħed u sittin sena (61) taż-żwieġ għamlu l-konjugi Portelli ossia l-ġenituri tal-partijiet kontendenti: kwindi din il-proċedura kollha hija nulla u nvalida u l-eċċipjenti odjerni jinsistu li jittieħdu dawn il-passi u anke biex l-istess atturi jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż kollha ġudizzjarji u extra ġudizzjarji li kkonstrinġew lill-eċċipjenti konjuġi Barun illi jagħmlu.

Illi mid-dokumenti li hawn qed jiġu elenkati fit-Taqsima tal-elenku ta' dokumenti jirriżulta ampjament ċar li l-proprjeta' mmobiljari li qegħdin jirreferu għalihom l-atturi meta esebew kopja nulla u nvalida tat-Testment tal-ġenituri tagħhom imma li fl-atti tal-kawża qisha qegħda tidher bħala kopja tat-Testment li għamel biss missier il-partijiet kontendenti, dik il-proprjeta' tirriżulta ċar mhux biss mid-dokumenti li qed jiġu esebiti imma assodata mill-affidavit ta' Esther Portelli (ara Dokument EP 1), li dik il-proprjeta' kienet wirtitha mingħand il-ġenituri tagħha l-istess Esther Portelli u li

sussegwentement biegħitha lill-eċċepjenti odjerni jiġifieri lil Maria Lourdes *sive* Lourdes Barun u lil żewġha Emanuel Barun u huwa għalhekk li Emanuel Barun daħal f'din il-kawża għal kull interess li jista' jkollu ċertament għandu nteress li jipproteġi din il-proprjeta' li qatt ma kellu sehem ta' proprjeta' minnha l-mejjet Emanuel Portelli, kienet proprjeta' parafernali ta' Esther Portelli u llum hija proprjeta' assoluta tal-konjuġi Emanuel u Maria Lourdes *sive* Lourdes Barun kif jindikaw d-dokumenti wkoll esebiti fl-elenku ta' dokumenti ma' din ir-risposta ġuramentata odjerna: ovvjament hawn qed nirreferu għall-proprjeta' mmobiljari li tinsab sitwata f' Numru 30 u li qabel kienet Numru 115, fi Triq San Mikiel, ġewwa Birżebbuġa.

Illi huwa mportanti għal din il-wisq Onorabbli Qorti li tara d-dokument li jirriżulta mir-riċerka tat-testmenti fir-Registru Pubbliku ta' Malta liema riċerka tikkontradixxi l-kopja tat-testment immarkat Dokument D ippreżentat mir-rikorrenti / atturi Helen Baldacchino li hija mara miżżewġa imma legalment mifruda u lil Victor Portelli li wkoll huwa miżżewweġ imma legalment mifrud u fejn għad-direttura qed jingħad li l-kopja tat-testment esebita mill-atturi / rikorrenti mhijiex waħda li tirrifletti r-riżultat ta' riċerki li saru mir-Reġistru Pubbliku ta' Malta u kwindi t-tieni u t-tielet premessa tal-atturi / rikorrenti m' għandhom ebda validita' legali fiċ-ċirkustanzi.

Illi fiċ-ċirkustanzi r-raba' premessa tal-atturi / rikorrenti ma tagħmilx sens għas-sempliċi raġuni li l-armla ta' Emanuel Portelli għadha ħajja u li mit-testment *unica charta* li kien sar bejn il-konjuġi Portelli, esebit mir-rikorrenti / atturi bħala Dokument D b'mod imma li qed jiżvijja f'parametri ta' qerq lil din il-wisq Onorabbli Qorti, altrimenti t-Testment tabilħaqq kien sar bejn il-konjuġi Emanuel Portelli u martu Esther Portelli, f'tali testment it-tielet artikolu jagħti s-setgħa lil Esther Portelli li tkun tista' tibdel

dan it-testment, li l-ulied kollha huma eżentati mill-obbligu li jikkonferixxu fil-qasma tal-wirt dak kollu li jkun suġġett għall-kollazzjoni u mputazzjoni (u minn imkien ma ġie żvelat li l-eċċepjenti Maria Lourdes Barun effettivament kienet il-Prokuratriċi Ġenerali tal-istess missierha a bażi ta' Prokura Ġenerali li kienet ingħatat f'Jannar tas-sena 2006, kopja tad-Dokument oriġinali tinsab fil-pussess tal-intimata / konvenuta Maria Lourdes Barun u li naturalment tali kopja ta' din l-oriġinal tkun tista' tiġi esebita quddiem din il-Qorti apparti milli tkun konfermata mill-istess Nutar Pubbliku li kien irrediġiha jiġifieri n-Nutar Pubbliku Dr Joseph Tabone, LL.D. dak iż-żmien ta' Numru 14A, Strait Street, il-Belt Valletta.

Illi a bażi ta' dan kollu u fiċ-ċirkustanzi ma setgħux legalment isiru t-talbiet mir-rikorrenti / atturi li saru, l-erbgħa li huma u kwindi s-sottomissjoni legali li tali kawża fl-intier tagħha hija nulla u nvalida, m'għandha ebda effettivita' fil-proċedura legali u kwindi l-proċeduri ma jistgħux ikomplu jitmexxew fejn allura l-Qorti għandha tagħmel din id-dikjarazzjoni a spejjeż kollha tal-istess rikorrenti / atturi.

Salvi eċċezzjonijiet oħra ulterjuri jekk ikun il-każ *in linea preliminari*.

Rat l-atti proċesswali;

Semgħet il-provi;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Marzu 2014 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi kif jidher ċar mill-att promotur din hija kawża fejn l-atturi qed jitolbu l-assenjazzjoni tal-porzjoni leġittima lilhom mill-wirt ta' missierhom Emanuel Portelli. Dan u martu illi għadha ħajja, fit-testment tagħhom ħallew lil uliedhom kollha bħala werrieta iżda l-atturi rrinunzjaw għall-wirt tagħhom (filwaqt li żammew ferm it-talba tagħhom għall-porzjoni riservata – ara folio 12). Tħalla naturalment ukoll legat ta' usufrutt favur l-konjugi superstiti.

Illi fir-rigward tal-mertu, dawn it-tip ta' kawżi jippreżentaw dejjem numru ta' diffikolatajiet legali. L-ewwelnett il-kawża naturalment tirrigwardja ftuħ ta' wirt li sar wara l-emendi fil-liġi tas-suċċessjoni li tirrigwardja partikolarment dik li qabel kienet il-leġittima. Dawn l-emendi ġew fis-seħħ riċentement (2004) u jagħmluha ċara li ma jaffetwawx wirt li nfetaħ qabel dik id-data. Infatti l-artikolu 116 (2) tal-att in kwistjoni (Att Numru XVIII tal-2004) għamilha ċara illi l-artikolu 58 li appuntu emenda l-artikoli 615 u 616 tal-Kodiċi Ċivili illi jirregolaw kif tinħadem il-leġittima (issa imsejħa *parti riservata*) kellhom *japplikaw dwar suċċessjonijiet li li jseħħu wara li l-istess artikoli jinġiebu fis-seħħ.* Għalhekk ċertament f'dan il-każ il-liġi applikabbli hija dik viġenti, u dan qed jingħad biex meta jiġu ċitati sentenzi fir-rigward l-istess sentenzi għandhom jingħataw il-valur relattiv tagħhom fl-istess rigward.

Illi l-konvenuti qed jeċċepixxu li l-atturi ħadu ġurament falz meta qalu li d-decujus għamel testment waħdu iżda dan ġie rimedjat permezz tal-korrezzjoni fir-rikors promotorju. Jeċċepixxu wkoll li kellhom jgħaddu tlett xhur biex issir it-talba simili, iżda ma jindikaw ebda provvediment fil-liġi dwar dan – għalhekk dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet qed jiġu miċħuda.

Illi l-eċċezzjoni prinċipali hija li ladarba omm il-partijiet għadha ħajja l-azzjoni hija nulla. Dan ma jagħmilx sens; li huwa rilevanti mhux jekk omm il-partijiet għadhiex ħajja, iżda jekk l-usufrutt li għandha għadux *in vigore*. Madankollu hemm differenza bejn li werriet jitlob li tiġi deċiża l-konsistenza tal-assi li wiret (jew f'dan il-każ il-porzjoni riservata) u li wieħed jitlob jieħu sehmu meta għad hemm usufrutt fuq dak il-parti tal-wirt. Ma hemmx dubju skont ġurisprudenza kostanti anke jekk mhux kbira fin-numru, li werriet jew kreditur ta' porzjoni riservata (dak li qabel kien il-leġittimarju) għandu kull dritt jitlob li jiġi stabbilit dak li hu dovut lilu.

Illi l-liġi taqsam il-ġid tad-disponenti f'żewġ partijiet, waħda disponibbli u l-oħra le. Il-parti mhux disponibbli tiġi matematikament kalkolata a bażi tal-artikolu 616 u dawk li jsegwu (ara **"Cutajar vs Cutajar"** deċiża mill-Prim' Awla fit-3 t'Ottubru 2003). In vista ta' dan *l-ewwel ħaġa li għandha ssir hija l-likwidazzjoni sabiex ikun jista' jiġi aċċertat jekk id-decujus bid-dispożizzjoni ta' xi legat eċċediex il-parti disponibbli tal-patrimonju* (ara **"Maria Wismayer vs Ruggero Wismayer"** deċiża mill-Prim' Awla fit-22 ta' Mejju 1950).

Illi skont l-artikolu 648 biex tinħadem il-leġittima trid tiżdied mal-assi eżistenti fil-mument tal-mewt, <u>id-donazzjonijiet</u> li jkunu saru mit-testatur, u eżattament fil-każ tal-immobbli, l-valur tal-proprjeta' fil-mument tal-mewt. Dan hu kkonfermat mhux biss mill-artikolu 648 illi jgħid kif ġja' ngħad li jridu jingħaddu d-donazzjonijiet li jkun għamel it-testatur iżda anke minn noti tal-**Prof. Caruana Galizia** fuq is-suċċessjoni (paġna 1021) fejn jingħad fit-test Ingliż illi:

*"Such addition is necessary because the portion of the deceased's property was saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. The 'legitima portio' is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his deah had he made no donations.*

*The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however msy necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations made by the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitima portio is due ... even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rights.*

*Equally immaterial is the cause of the donation, consequently to the deceased' s estate are added not only those made purely ' animo donandi' but also those made in remuneration for services, or out of gratitude ..."*

Illi għalhekk, kwantu għat-talba attriċi *ai termini* tal-artikoli 615 u 616 tal-Kodiċi Ċivili billi l-mejtin kellhom sitt itfal, il-leġittima kellha tkun nofs tal-assi u għalhekk il-partijiet kellhom id-dritt jipparteċipaw f'dan in-nofs. Għalhekk l-atturi jmisshom wieħed minn tnax kull wieħed mis-sehem tal-ġenituri tagħhom kif effettivament qed jitolbu. Għandu jingħad li l-leġittima, skont il-liġi, allura, viġenti kienet tkun dovuta *in natura, in piena propieta senza alcun peso od altra condizione.* (**Vol. XXXVIII – P II p 116**). Din kienet toħloq problema f'dawn it-tip ta' kawżi għaliex tikkontrasta mad-dritt tat-testatur li jħalli l-legati lil min jixtieq, għaliex filwaqt li l-leġittimarju ma jistax jippretendi li jinjora l-

legati, u dawn għandhom jittieħdu biss in konsiderazzjoni biex tiġi kalkolata l-leġittima (ara **“Vella vs Bezzina et”** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta’ Novembru 1998), *is-suġġeriment li l-leġittima tiġi sodisfatta b’ammont likwidu flok in-natura huwa kontra l-liġi, molto piu’ meta ma jirriżultax il-kunsens tal-interessati kollha* (ara **“Sammut vs Refalo”** deċiża mill-Prim’ Awla fit-30 ta’ Ġunju 1954). L-istess sentenza **“Wismayer vs Wismayer”** fuq citata qalet, *sakemm id-decujus ma jeċċedix il-kwota disponibbli dak il-legat jibqa’ jseħħ.*

Illi dan ġie rimedjat bl-emendi msemmija u llum l-artikolu 615(2) jagħmilha ċara li dan id-dritt huwa kreditu tal-valur tal-assi tal-mejjet u li huwa dovut bl-imgħax mid-data tal-ftuħ tal-wirt ossija d-data tal-mewt tad-decujus jekk il-kawża tiġi ntavolata *entro* sentejn mill-istess data, kif effettivament sar f’dan il-każ.

**KONSISTENZA TAL-ASSI**

Illi stabbilit dan, il-Qorti trid tgħaddi għall-konsistenza tal-assi tal-mejjet biex tistabbilixxi l-ammont dovut lill-atturi.

Illi matul il-kors tal-kawża, l-atturi kkonċentraw il-provi tagħhom fuq żbank konsistenti da parti tal-konvenuta Barun mill-kontijiet bankarji ta’ missierha. Hija ma ċaħditx dan u qalet li kienet tagħmel dan għaliex missierha kien jgħidilha biex tieħu kollox hija għaliex kienet iddur bih.  Dan naturalment ma jiswa għalxejn għaliex kull ċenteżmu li hija żbankat trid troddu lura lill-wirt ta’ missierha biex jiġi aċċertat l-ammont ta’ porzjoni riservata dovuta lill-atturi.

Illi mill-provi jirriżulta nfatti żbank totali għas-somma ta' erbgħa u disgħin elf tlett mija u wieħed u erbgħin Ewro (€94,341) li fuqhom il-konvenuta Barun naqset li tagħti spjegazzjoni valida u ċertament għandha troddhom lura fil-wirt. Billi ma jirriżultax li huma parafernali ta' Emanuel Portelli, skont il-liġi huwa presunt li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti tiegħu ma' martu. Għalhekk, il-parti appartenenti għall-wirt tiegħu hija n-nofs, ossija sebgħa u erbgħin elf, mija u sebgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€47,170. 50) li minnhom l-atturi għandhom dritt kull wieħed u waħda għal tliet elef, disa' mija u tletin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€3,930.87).

Illi fuq parti mill-eċċezzjoni l-konvenuta Barun għandha raġun, u ċjoe' li *una volta* l-omm, Esther Portelli, għadha ħajja, l-atturi ma jistgħux jitolbu **issa** l-ħlas tal-porzjoni riservata għaliex għad hemm l-usufrutt tal-istess Esther Portelli li fuq kollox lanqas biss ma hija parti f'din il-kawża. Dawk il-flus li żbankat il-konvenuta Barun huma fil-fatt dovuti kollha lill-istess Esther Portelli – kwantu għan-nofs sehemha mill-komunjoni u l-usufrott tan-nofs l-ieħor. Tajjeb pero', li l-konvenuta Barun tkun taf li kif inhi s-sitwazzjoni, hemm possibbilta' reali li tkun trid tagħti lura lill-wirt dawk il-flus żbankati minnha u appartenenti lil ommha u anke l-valur tal-proprjeta' li ġiet donata mingħand ommha (li saret prova tagħha f'din il-kawża) meta jasal il-waqt propizju, u ċjoe' mal-ftuħ tas-suċċessjoni t'ommha.

Illi kwantu għall-ispejjeż tal-kawża, il-Qorti ma tħossx li l-konvenuti l-oħra, aħwa Portelli, għandhom ibatu spejjeż.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi tilqa' l-ewwel tlett talbiet kollha attriċi; tiddikjara li l-atturi għandhom**

**dritt għal porzjoni riservata fuq il-wirt ta' missierhom għall-valur fuq imsemmi ta' tlett elef disa' mija u tletin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€3,930.87) *oltre* imgħaxijiet legali dekorribbli mill-11 ta' Frar 2011, u ċjoe' d-data tal-mewt ta' Emanuel Portelli; tastjeni milli tieħu konjizjoni tar-raba' talba in kwantu intempestiva.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal kwart mill-atturi u tlett kwarti mill-konvenuta Barun.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------